

32005E0096

L 31/70

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.2.2005

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/96/PESK

tat-2 ta' Frar 2005

**li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK <sup>(1)</sup> li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika.
- (2) Fit-28 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK <sup>(2)</sup> li temenda u testendi sat-28 ta' Frar 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK.
- (3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK, kif modifikata bl-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra.
- (4) Fid-9 ta' Diċembru 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK <sup>(3)</sup> dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) rigward l-Unità Integrata tal-Pulizija (EUPOL "Kinshasa"), li tagħżel rwol speċifiku għall-EUSR. Il-mandat tiegħu għandu jiġi modifikat f'dan is-sens,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Aldo AJELLO bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK u kif emendat

bl-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- 1) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżded fl-Artikolu 3:

"(j) jagħti gwida politika lokali lill-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) ('EUPOL Kinshasa')."

- 2) L-Artikolu 5(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabieħ iko-pri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 440 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. ASSELBORN

<sup>(1)</sup> ĠU L 326, 13.12.2003, p. 37.

<sup>(2)</sup> ĠU L 234, 3.7.2004, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30.